# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJON NRU 1360

Kaz Nru 1539

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Wilfred Sammut

u

AX Construction Ltd

Dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 4 ta' Dicembru 2002

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie a konjizzjoni tat-Tribunal permezz ta' ittra mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fil-5 ta' Ottubru 2001 b'riferenza MSP/TI/35/2001. Dana wara li l-Avukat George Abela kien kiteb lill-Onorevoli Ministru f'isem is-sur **Wilfred Sammut** li kien illicenzjat allegatament b'mod ingust mill-Kumpanija **AX Construction Ltd** fit-30 ta' Mejju 2001. Il-Kumpanija kienet assistita mill-Avukat Andrew Borg Cardona. Inzammu disa' seduti.

## 2. Fatti tal-Kaz

Il-Kumpanija Appellata tirritjeni li l-Appellant kien gie licenzjat mill-impieg tieghu ghal raguni ta' *redundancy*. L-Appellant jallega li din ir-raguni kienet wahda fittizja tant li xoghlu gie moghti lill-persuna ohtra. Oltre dan lanqas ma giet segwita l-procedura ta' *first in last out*.

## 2. Konsiderazzjonijiet

Kif tirritjeni gustament l-Kumpanija Appellata dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti li jikkonsidra kazijiet ta' *redundancy.* Izda t-Tribunal kemm il-darba stqarr illi huwa ghandu d-dritt li jindaga biex jara jekk almenu *prima facie* ir-*redundancy* tkunx wahda genwina jew le. Barra minn hekk it-Tribunal ikun irid jaccerta ruhu anke f'kaz li jirrizulta r-*redundancy* li jigu sodisfatti zewg kriterji ohra. Dawn huma li r-regola tal-*first in last out* tkun segwita u li jekk sa zmien sena mill-licenzjament tal-impjegat l-impieg jerga jsir disponibbli dan l-impieg ghandu jigi offrut lill-persuna dikjarata *redundant.* Ghaldaqstant it-Tribunal ried li jezamina dan il-kaz fuq dawn il-linji.

Socjeta` kummercjali ghandha kull dritt, anzi l-obbligu li twettaq il-hidma taghha bl-inqas spejjes possibbli u minn zmien ghall-iehor tkun trid tirristruttura ruhha. Hafna drabi dan jirrizulta sfortunatament f'licenzjament ta' xi haddiema. Izda dan isir biex tigi protetta l-pozizzjoni finanzjarja u kompetittiva taghha u f'certu sens biex jigi protett l-impieg tal-haddiema li jibqghu. Certament dan it-Tribunal mhux fi hsiebu li jissostitwixxi d-diskrezzjoni impreditorjali tal-Kumpanija Appellata. Mill-banda l-ohra jirrizulta car mill-evidenza li harget fis-smiegh tal-kaz li l-Appellant kellu xoghlu mehud minn impjegat iehor wara l-licenzjament tieghu. Dana ghaliex ix-xoghol li kien fuqu baqa' ghaddej u mhux spicca kif kien allegat mill-Kumpanijja. Dan jindika li ma kienx hemm nuqqas ta' xoghol izda decizjoni teknika ta' min kellu jwettaq dak ix-xoghol. Mela jidher car illi l-kontenut ta' xoghol tal-impieg li kien qed iwettaq l-Appellant kien ghadu hemm u dan ix-xoghol spiccah haddiehor wara l-licenzjament tal-Appellant. Jidher ukoll illi kien hemm impjegati ta' *sister company* tal-AX Construction Ltd li kien jaghmlu xi xoghol fuq progetti ta' din l-ahhar Kumpanija. Dana ghaliex jiffurmaw parti mill-istess grupp. It-Tribunal mhuwiex konvint illi r-*redundancy* jirrizulta car u *se mai* kien prematur.

Jekk ghal grazzja tal-argument wiehed jassumi li lok ta' *redundancy* kien hemm it-Tribunal jghaddi biex jezamina jekk kienux sodisfatti z-zewg kriterji l-ohra li ssemmew. Ghal dak li hija r-regola tal-*first in last out* jidher li fil-fatt hemm impjegat iehor mal-AX Construction Ltd. li gie impjegat wara d-data tal-impieg tal-Appellant. Dan huwa Sheik Shams ul-Arifeen. Ghaldaqstant l-Appellant jirritjeni li jekk kien hemm lok ta' tnaqqis ta' impjegat kellu jkun dan il-Pakistani li kellu jigi licenzjat u mhux hu. Il-Kumpanija tirritjeni li dan il-Pakistani ma kellux l-istess kariga tal-Appellant u ghaldaqstant din ir-regola ma kienitx tapplika. Dan kien dahal bhala *trainer in form work erection* (Dok ABC 4). Izda intqal li huwa kien jaghmel xoghol ta' *site foreman* u kien jirrilivja lill-Appellant. Jidher car illi meta giet biex tnaqqas in-nies il-Kumpanijja Appellata ghazlet li tillicenzja lill-Appellant u mhux lill-Pakistani li seta' forsi kellu xi kwalifici ohra izda li bazikament kien jaghmel l-istess xoghol tal-Appellant.

Ghal dak li jirrigwarda l-impieg ta' xi hadd sa zmien sena mill-licenzjament tal-Appellant it-Tribunal huwa sodisfatt li dan fil-fatt ma sarx. Veru li gie impjegat il-Jugoslav Mladen granet wara li gie licenzjat l-Appellant. Izda dan ma giex impjegat mal-AX Construction Ltd u fil-fatt jidher li kellu kwalifici hafna iktar gholja u l-kariga kienet ta' *Project Manager* u mhux ta' S*ite Manager.*

It-Tribunal ma jirrizultalux li l-Appellant gie licenzjat ghal raguni ta' *redundancy.*

**4.Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li l-Appellant Wilfred Sammut ma giex illicenzjat mill-Kumpanija AX Construction Ltd. ghal raguni gusta u sufficjenti.

**5.Kumpens**

Originarjament l-Appellant kien talab li jigi ringaggat izda ma' tul is-smiegh minhabba zviluppi familjari kien biddel it-talba tieghu ghal wahda ta' kumpens. Wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha, inkluz iz-zmien relattivament qasir fl-impieg mall-Kumpanija, t-Tribunal jillikwida s-somma li ghandha tithallas bhala kumpens lill-Appellant mill-Kumpanija Appellata fl-ammont ta' £M1300. Din is-somma trid tithallas in kwantu ghal £M500 sa l-ahhar ta' Dicembru 2002 u l-kumplament bir-rata ta' £M100 fil-gimgha bl-ewwel pagament jithallas fl-10 ta' Jannar 2003. Jekk tinqabez xi skadenza l-bilanc rimanenti jsir pagabbli *ipso facto* minnufih.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**6.Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fll-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja